MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 223/2007

Seduta ta’ nhar it-Tnejn (10) ta’ Marzu 2014

Rikors Numru 223/07 FDP

Fl-ismijiet

**Perit Jesmond Mugliette**
**(ID 247163M)**
**vs**

**Dr Alfred Sant**
**(ID 267948M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrent fl-20 ta’ Lulju 2007 fejn, filwaqt illi jaghmel referenza ghal kliem illi l-intimat ghamel f’attivita’ li huwa zamm, bhala Kap tal-Partit Laburista gewwa Hal Qormi fit 8 ta’ Lulju 2007, liema kliem gew irrappurtati fi stqarrija mahruga dakinhar stess mill-Partit Laburista hekk kif irrappurtata fil-gazzetta l-Orizzont l-ghada, 9 ta’ Lulju 2007, partikolarment il-kliem fejn l-intimat qal ‘*Il-Ministru Jesmond Muliett huwa ezempju car ta’ Ministru li bil-provi gideb lil-Parliament ...*”, “*ghal-kuntrarju din kienet decizjoni diretta tal-Ministru u li maghha l-Bord ta’ l-ADT ma qabilx ...*” u “*l-Prim Ministru ta’ certifikat personali ta’ kondotta tajba li dan il-Ministru giddieb*”, sahaq illi tali kliem kienu foloz u malafamanti fil-konfront tieghu u maghmulha bil-ghan illi jtellfu jew inaqqsu ir-reputazzjoni tar-rikorrent. Ir-rikorrent sahaq li meta l-intimat insinwa li l-attur huwa responsabbli ta’ xi tip ta’ korruzzjoni dwar id-decizjoni jekk iz-zewgt ufficjali tal-ADT misjuba hatja ta’ tixhim ghandhomx jitkeccew mill-ADT kif ukoll illi huwa gideb fil-fora tal-Parliament, dawna kienu malafamanti fil-konfront tieghu.

Rat l-Istqarrija ghall-Istampa mahruga mill-Partit Laburista fit 8 ta' Lulju 2007 u r-rappurtagg illi sar fil-gazzetta l-Orizzjont fid 9 ta' Lulju 2007 kif ukoll id-domandi u risposti li saru fil-Parlament bejn il-partijiet meritu tal-kawza odjerna fis-seduti tas 27 ta' Gunju u l-4 ta' Lulju 2007. Rat ukoll ittra mibghuta mill-Bord tal-ADT lill-Prim Ministru fil 11 ta' Lulju 2007.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentat fid-9 ta' Awissu 2007 fejn, filwaqt illi eccepixxa preliminarjament li r-rikorrent kellu jipprova d-diskors illi huwa ghamel, tali diskors ma kienx libelluz fil-konfront tar-rikorrent peress illi hija kritika politika maghmulha fil-vesti tieghu ta' deputat tal-poplu, fuq materja ta' interess pubbliku, dwar l-amministrazzjoni pubblika.

Huwa stqarr ukoll illi d-diskors kien jikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezament, jew "value judgment" tal eccipjent, li huwa "fair comment" fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa, kemm taht il-Kosituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Findamentali tal-Bniedem.

Rat l-affidavit tal-**Perit Jesmond Mugliett** ippresentat fis 27 ta' Novembru 2007.

Rat ix-xhieda ta' **Joseph Caruana**, editur ta' l-Orizzont, moghtija fid 19 ta' Frar 2008.

Rat ix-xhieda ta' **Raymond Grillo**, rappresentant tal-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati moghtija fl-20 ta' Mejju 2008 u d-dokumenti minnu esebiti.

Rat ix-xhieda ta' **Miriam Dalli**, editrici tal-One News moghtija fit 28 ta' Ottubru 2008 u dokumenti minnha ippresentati.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Duncan Borg Myatt**, l-avukat tal-ADT fiz-zmien meta d-decizjoni meritu tad-diskursata ilmentata fil-proceduri odjerni, moghtija fis 16 ta' Dicembru u erronjament indikata bhala xhieda mogthija f'kawza fl-ismijiet identitici u bic-citazzjoni 39/08 li kienet qed tinstema fl-istess hin tal-kawza odjerna, li tinstab fil-process tal-kawza odjerna a fol 226 sa 229 tal-process.

Rat ix-xhieda ta' **Jason Micallef**, Segretarju tal-Partit Laburista meta sar id-diskors meritu tal-kawza odjerna, moghtija fil 5 ta' Mejju 2009, li stqarr li ma kienx jaf jekk hargitx l-istqarrija jew le.

Rat ix-xhieda ta' **Dr Stefan Zrinzo Azzopardi**, moghtija fit 18 ta' Novembru 2009, li ppresenta l-Istqarrija mahruga mill-Partit Laburista fit 8 ta' Lulju 2007.

Rat illi fit 23 ta' Frar 2010 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellhux aktar provi x'jippresenta.

Rat ix-xhieda ta' l-intimat **Dr Alfred Sant** moghtija fid 19 ta' Mejju 2010.

Rat illi bejn id 9 ta' Novembru 2010 u t-23 ta' Settembru 2013, saru hmistax-il seduta fejn l-intimat qatt ma ressaq provi.

Rat illi, bi ftehim mar-rikorrenti, fis-26 ta' Settembru 2013, l-intimat ippresenta xhieda u dokumenti illi inghataw fil-kawzi "*Perit Jesmond Mugliett vs Miriam Dalli*" (Avviz 225/07) u "*Perit Jesmond Mugliett vs Dr Stefan Zrinzo Azzopardi*" (Avviz 224/07), liema kawzi eventwalment gew tranzatti bejn il-partijiet.

Rat illi fost tali dokumentazzjoni esebita hemm ix-xhieda ta’ **Anthony Attard**, impjegat ta’ l-Ufficju tal-President ta’ Malta, il-korrispondenza mibghuta lill-Ufficju tal-President dwar il-mahfra mitluba minn Jason Buttigieg u Roderick Galea, ix-xhieda u kontro-ezami tar-rikorrent Jesmond Mugliett fiz-zewgt kawzi fuq indikati, ix-xhieda ta’ **Gianfranco Selvaggi**, Kap Ezekuttiv tal-ADT sa ftit granet qabel ma’ sehh id-diskors meritu tal-kawza odjerna, moghtija fiz-zewgt kawzi fuq imsemmija u x-xhieda ta’ **Roderick Galea**, wiehed miz-zewgt impjegati tal-ADT illi kienu sospizi rizultat ta’ proceduri kriminali ta’ tixhim li ttihdu kontrihom.

Rat illi fit 30 ta’ Settembru 2013 il-Qorti ddikjarat il-provi kollha bhala maghluqa.

Semghet it-trattazzjoni ta l-abbli difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Mill-fatti prodotti quddiem dina l-Qorti, jirrizulta illi d-diskors meritu tal-kawza odjerna jirrigwarda kwistjoni illi kienet ilha tigi dibattuta gewwa Malta ghal diversi xhur qabel, ossija l-investigazzjoni ta’ tixhim ta’ xi impjegati tal-ADT illi kienu involuti fl-ezamijiet tas-sewqan, liema investigazzjoni kien wassal sabiex jitressqu xi nies, fosthom certi Jason Buttigieg u Roderick Galea, li ammettew ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom u hadu sentenza fejn gew illiberati bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghal periodu ta’ tlett snin u interdizzjoni generali perpetwa.

Mill-fatti prodotti jirrizulta illi, ghalkemm Jason Buttigieg u Roderick Galea kienu inghataw sentenza ta’ interdizzjoni generali perpetwa, bir-rizultat illi, fost affarjiet ohra, ma setghux jigu impjegati aktar mal-Gvern jew xi Awtorita’ taghha, liema sentenza inghatat fit 30 ta’ Jannar 2007 (fol 282), sa ftit jiem qabel id-data meta l-intimat ghamel l-intervent tieghu, dawna l-impjegati kienu ghadhom sospizi b’nofs paga mal-ADT, li kienet l-Awtorita illi impjegathom, u l-ordni li jitkeccew kien gie sospiz sakemm jistennew l-ezitu tat-talba taghhom ghal mahfra Presidenzjali illi kienet saret tlett ijiem wara li inghata is-sentenza, ossija fit 2 ta’ Frar 2007 (fol 280).

Jirrizulta ukoll illi fid-19 ta’ Gunju 2007 (fol 277), Jason Buttigieg u Roderick Galea kienu gew mgharrfa illi l-applikazzjoni taghhom kienet qed tigi arkivjata peress illi, f’kaz ta’ interdizzjoni moghtija mill-Qorti, hija biss il-Qorti li tista twaqqaf tali interdizzjoni, a tenur tal-Artikolu 10 (6) tal-Kodici Kriminarli.

Jirrizulta minn ittra mibghuta lill-Prim Ministru mill-Bord tal-ADT (fol 87), illi fis-26 ta’ Gunju 2007, gie deciz mill-istess Bord illi z-zewgt impjegati jitkeccew b’mod immedjat.

Jirrizulta illi, ftit jiem qabel ma sar id-diskors ta’ l-intimat fit 8 ta’ Lulju 2007, fis-seduta tal-Parlament tas-27 ta’ Gunju 2007, waqt li kienu qed isiru id-Domandi Parlamentari, l-intimat staqsa lir-rikorrent ghall-kummenti tieghu fejn gie rrappurtat li huwa kien ta’ istruzzjonjiet sabiex l-impjegati tal-ADT Buttigieg u Galea ma’ jitkeccewx sakemm talba ghal mahfra Presidenzjali tigi kkunsidrata u jekk jikkonsidrax tali agir bhala eccess tal-poteri tieghu u ghalhekk kellu joffri ir-rizenja tieghu. Wara tentattiv da parte kemm ta’ l-Ispeaker tal-Kamra Dr Anton Tabone kif ukoll membri tal-gvern tal-gurnata sabiex tali domanda ma tigix ikkunsidrata, ir-rikorrent laqa’ d-domanda u irrisponda ghaliha.

Jirrizulta li fir-risposta tieghu (fol 67) ir-rikorrent insista li hu qatt ma ta xi ordni izda kienet giet diskussa b'mod kolletivament. Huwa qal ukoll is-segwenti:

> "*Il-gudizzju tieghi kien li l-precedenti kultant jorbtu u allura ejja inhallu l-issue tal-presidential pardon tigi ezawrita, imbghad tittiehed id-decizjoni b'mod oggettiv*".

Jirrizulta illi fis-seduta parlamentari tal 4 ta' Lulju 2007, l-intimat reggha qajjem domanda ohra dwar il-posizzjoni tar-rikorrent u, ghal darba ohra, l-Ispeaker tal-Kamra Dr Anton Tabone u membri tal-gvern tal-gurnata ippruvaw iwaqqfu li tali domanda tigi kkunsidrata, abbazi ta' prassiiet tal-House of Commons, izda eventwalment ir-rikorrent laqa' id-domanda.

Jirrizulta illi fir-risposta tieghu, (fol 81 sa 86), saret referenza ghall-korrispondenza illi kienet giet pubblikata fil-media u li kienet mibghuta mic-Chairman tal-ADT ta' dak iz-zmien, fejn fiha gie iccarat illi hadd ma influenzahom fid-decizjoni taghhom. Ir-rikorrent insista illi meta huwa kien stqarr fil-parlament li d-decizjoni tas-sospensjoni kienet deciza b'mod "kollettiv", huwa ried ifisser illi kien iddiskutiha mal-kap ezekuttiv precedent, Gianfranco Selvaggi kif ukoll mal-avukat ta' l-ADT, Dr Duncan Borg Myatt u mhux mal-Bord. Ir-rikorrent kompla stqarr illi fil-gimgha ta' qabel, qabel ma sar id-dibattitu fil-parlament fejn l-intimat kien staqsa domandi lir-rikorrent, huwa kien offra ir-rizenja tieghu lill-Prim Ministru rizultat ta' l-allegazzjonijiet illi kienu qed isiru fil-media, liema rizenja l-Prim Ministru ma laqax peress illi dana qallu, fi kliem ir-rikorrent stess, "*din m'hijiex korruzzjoni imma gudizzju li jista jkun dibattibbli*".

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-provi prodotti illi Roderick Galea, wiehed miz-zewgt impjegati li instabu hatja talli xxahhmu fil-qadi ta' dmirijiethom fl-ADT u li kienu gew sospizi minflok ma tkeccew sakemm tigi deciza it-talba taghhom ghal mahfra Presidenzjali, kien jghix fl-istess distrett illi hija kien jikkampanja ir-rikorrent u kien jakkumpanjah fir-rondi illi huwa kien jaghmel fi zmien l-elezzjonijiet u kien anke ikun presenti u jghin fl-attivitajiet tieghu. Jirrizulta wkoll mill-provi wkoll illi Dr Duncan Borg Myatt, l-avukat tal-ADT fiz-zmien in kwistjoni, kien huwa wkoll mill-istess distrett elettorali tar-rikorrent. (fol 291 sa 294). Ix-xhieda ta' Roderick Galea fejn ipprova jghid li dana ma kienx minnu ma hija assolutament xejn kredibbli peress illi x-xhud ma huwa xejn kredibbki f'dak li jghid u jaghmel u ghalhekk qed tigi injorata.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi Gianfranco Sevlaggi (fol 295-297) kien dahal fl-ADT fis-7 ta' Frar 2005 bhala Kap Ezekuttiv tal-ADT u irrizenja fit 30 ta' Gunju 2007. Huwa stqarr illi fil-pusizzjoni tieghu huwa kien jiddiskuti regolarment mar-rikorrent, bhala Ministru, dwar l-andament tal-ADT kif ukoll dwar il-proceduri illi kienu ttiehdu u kien ghamilha cara ma kullhadd illi, la darba jinstabu hatja l-persuni li inqabdu jixxahhmu, huwa ma kienx ser jerrggha jdahhal l-impjegati lura ma' l-ADT. Selvaggi insista illi, ghalkemm kien jaf li l-impjegati kienu applikaw ghal mahfra presidenzjali, peress illi r-rikorrent kien pubblikament qal li f'kaz li t-talba ghall mahfra ta' l-impjegati tintlaqa', huwa jerggha jikkonsidra jinpjegahom mill-gdid, huwa qatt ma sar jaf dan personalment. Sahaq illi ghalkemm kien minnu illi kienu saru xi diskussjonijet dwar il-posizzjoni li kelllha tiehu l-ADT in vista tat-talba presidenzjali, huwa qatt ma kien involut f'tali diskussjonijet u qatt ma kien involut f'kwalsiasi decizjoni, u dana peress illi tali decizjoni kienet tmur kontra l-principju tieghu li

jekk jinstabu nies hatja mill-Qorti, dawna ma jergghuux jidhlu ghax-xoghol. Huwa insista li jiftakar li ir-rikorrent u l-avukat tal-ADT, Dr Borg Myatt, kienu tkellmu u ir-rikorrent kien qal li kellha tittiehed kawtela sabiex tigi deciza l-kwistjoni tal-mahfra Presidenzjali. Selvaggi sahaq ukoll illi Dr Borg Myatt kien infurmah li l-Ministru kien bi hsiebu jistenna l-ezitu tal-mahrfa Presidenzjali qabel ma tittiehed decizjoni finali.

Jirrizulta ukoll mil-provi li l-Bord ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta, in vista tal-izvilupp tal-kwistjoni kemm politikament kif ukoll fuq il-mezzi tal-media, kiteb lill-Prim Ministru fil 11 ta' Lulju 2007. Filwaqt illi l-Bord ikkonferma illi kienet hi li qabblet li tipposponi "*l-ezekuzzjoni tat-tkeccija sakem ikun konkluz il-process dwar it-talba ta' l-impjegati koncernati*", stqarret is-segwenti dwar l-intervent tar-rikrorenti:

> *"Billi n-natura tal-kwistjoni kienet amministrattiva, l-Ministru Mugliett gibed l-attenzjoni lill-Kap Ezeluttiv ghal fatt li l-kaz precendenti kien jixbah dan il-kaz. ghalhekk issugerixxa li d-decizjoni ta' l-Awtorita' li tkecci liz-zewgt impjegati ghandha tibqa valida imma t-terminazzjoni effettiva tkun implimentata wara l-ezitu tat-talba ghal mahfra presidenzjali"*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, fid-diskors illi ghamel l-intimat gewwa Hal-Qormi fit 8 ta' Lulju 2007, li dwaru r-rikorrent qieghed jilmenta, l-intimat qara dik is-silta tar-risposta illi r-rikorrent kien ta' fil-Parliament ftit jiem qabel, fejn ir-rikorrent insista illi l-kwistjoni giet mitkellma kollettivament u kien hemm decizjoni kollettiva dwarha.

L-intimat imbghad ghamel referenza ghall stqarrija pubblika illi kien ghamel Gianfranco Selvaggi li, nelfrattemp kien irrizenja mill-post tieghu ta' Kap Ezekuttiv tal-ADT, fejn Selvaggi kien stqarr li r-rikorrent kien qallu biex ma jkeccix liz-zewgt impjegati, ma' liema decizjoni Selvaggi ma qabilx.

L-intimat ghamel ukoll referenza ghall ittra ppubblikata mic-Chairman tal-ADT, Joe Gerada, fejn dana, filwaqt li insista li l-Bord tal-ADT ha d-decizjoni wahdu, stqarr li l-Ministru kien issugerixxa illi decizjoni dwar it-tkeccija tittiehed wara li jkun hemm ezitu dwar l-mahfra presidenzjali.

Abbazi ta' dana kollu, l-intimat insista li r-rikorrent kien gideb fil-parlament meta huwa qal illi kienet decizjoni "kollettiva" u dana peress illi kienet decizjoni diretta tal-Ministru, ossija ir-rikorrent, li maghha l-Bord tal-ADT ma qabilx.

**Ikkunsidrat**

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonjiet taghha, huwa utili illi tigi evalwata il-posizzjoni legali tad-difiza mressqa mill-intimat, ossija il-fatt li huwa kien qieghed jaghmel "value judgment", liema "value judgment" kien "fair comment" fuq fatti li kienu sostanzjalment veri.

L-intimat sahaq illi l-kummenti tieghu, filwaqt illi kienu parti minn kritika politika illi huwa kien qieghed jaghmel u li kellu obbligu jaghmel lejn ic-cittadini li kienu elegguh bhala rappresnetant taghhomf il-Parlament, kien jikkonsistu fi 'fair comment' u ghalhekk kellhom jitqiesu bhala tali.

Din il-Qorti gia kellha l-opportnita' kawza odjera deciza ftit ilu, ossija '**Dr Joseph Mifsud vs Robert Arrigo**' deciza fl 24 ta' Frar 2014, illi tezamina fir-reqqa il-principju tal-"fair comment" u dwar kif dana zviluppa maz-zminijiet kemm fil-gurisprudenza Ingliza u dik tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Madankollu, ikun opportun illi jigu indikat certi principji bazilari li taghhom ghandha tiehu konsiderazzjoni kull Qorti hekk kif tkun qed tikkunsidra tali difiza.

Kif intqal fil-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza **Chauvy and Others vs France** deciza fid 29 ta' Gunju 2004,

> *Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and each individual's self-fulfilment. Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". As set forth in Article 10, this freedom is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly.*

Dwar il-livel ta' kritika li politiku tista ssirlu, bhalma ma gara fil-kaz odjern, il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **Ligens vs Austria** deciza fit 8 ta' Lulju 1986, u abbracjata mill-Qorti Maltin, stabbiliet principji ferm aktar liberali fil-konfront tal-politici mill indivdwu kwalsiasi u di fatti qalet:-

> *..... freedom of political debate is at the very core of the concept of a democratic society which prevails throughout the Convention.*
>
> *The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10 para. 2 (art. 10-2) enables the reputation of others - that is to say, of all individuals - to be protected, and this protection extends to politicians too, even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues.*

Din il-Qorti tirrileva wkoll illi wasal il-mument illi tali regola titwessa aktar fis-sens illi meta jkun hemm dibattitu politiku ghaddej bejn politici, tali livell ta' kritika ghadha interpretata f'livell aktar wiesgha minn dak ipprovdut hawn fuq, peress illi d-dibattitu politiku huwa l-pern ta' socjeta demokratika u, ghalhekk ghandha tigi protetta u stimulata minn dina l-Qorti u mhux imxekkla fl-operat taghha.

Dwar in-natura ta' "value judgment", kontrastata mal-kuncett ta' "statement of fact" u jekk din ghandhiex ikollha applikabbli r-regoli tal-"fair comment" jew le, il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha **Sizma vs Hungary** deciza f'Ottubru 2012, starret is-segwenti:

> *.... in order to assess the justification of the statements in question, a distinction needs to be made between statements of fact and value judgments, in that, while the existence of facts can be demonstrated, the truth of value judgements is not susceptible of proof. The requirement to prove the truth of a value judgment is generally impossible to fulfil and infringes freedom of opinion itself, which is a fundamental part of the right secured by Article 10 (see, for example, Lingens v. Austria, 8 July 1986, § 46, Series A no. 103; Oberschlick v. Austria (no. 1), cited above, § 63). The classification of a statement as a fact or a value judgment is a matter which, in the first place, falls within the margin of appreciation of the national authorities, in particular the domestic courts (see Pedersen and Baadsgaard v. Denmark [GC], no. 49017/99, § 76, ECHR 2004-XI). However, even where a statement amounts to a value judgment, there must exist a sufficient factual basis to support it, failing which it may be excessive (see Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 43, ECHR 2001–II)."*

Dwar in-natura ta' 'fair comment', kif jinghad f'**Gatley on Libel and Slander,** huwa stabbilit illi biex tali difiza tirnexxi :

> *..... the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

Dina l-posizzjoni tidher anke riflessia fil-kawza **Spiller vs Joseph** deciza mill-Qorti tal-Appell Ingliza fl-1 ta' Dicembru 2010, fejn Lord Phillips ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet meta wiehed iqis id-difiza ta' 'fair comment':

> *A subsidiary but important issue was what it was that a defendant had to prove in order to establish the defence of fair comment. Counsel for the plaintiff submitted that the defendant had to establish that: (i) the words complained of were comment; (ii) the comment was on facts; (iii) the facts commented on constituted a matter of public interest; (iv) the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate; (v) the comment represented the defendant's honest* opinion. *If he discharged all these burdens, the defence could none the less be defeated by proof of malice on the part of the defendant, but the onus of proving malice lay on the plaintiff. Both the Court of Appeal and the House of Lords held that there was no burden on the*

*defendant to establish the fifth element. The defendant's honesty was assumed unless the plaintiff could disprove it by establishing malice.*

**Ikkunsidrat**

In vista tal-veduti kif enuncjati minn Qrati li fuqhom dawna il-Qrati regolarment jaghmlu referenza u bazi, ikun issa opportun li tghaddi sabiex tevalwa l-fatti kif imressqa quddiem dina l-Qorti mill-partijiet fid-dawl tal-hames elementi imsemmija minn Lord Philips sabiex jigi stabbilit jekk, fil-kaz odjern, dak illi intqal kienx 'fair comment' jew le.

**(i)** "*the words complained of were comment*" - ma hemm ebda dubju illi l-kliem li dwarhom qieghed jilmenta ir-rikorrent kif indikat lill-dina l-Qorti u li intuzaw mill-intimat waqt attivita tal-Partit Laburista kienu kummenti ta' l-intimat dwar fatti li kienu qed isehhu dak iz-zmien u cirkostanzi li wasslu lill-intimat biex jaghmel il-kumment, kif del resto huwa stess ammetta in-natura ta' kumment fid-difiza tieghu stess.

**(ii)** "*the comment was on facts*" - jidher illi l-kumment li fuqu r-rikorrent kien qieghed jilmenta jirrigwarda fatti li attwalment sehhew. Dan qieghed jinghad ghax:

**(i)** Gie ppruvat illi z-zewgt impjegati tal-ADT li kienu instabu hatja ta' tixhim, ossija Roderick Galea u Jason Buttigieg, kienu baqghu sospizi mal-ADT sas 26 ta' Gunju 2007, jithallsu nofs paga, minkejja illi fit 30 ta' Jannar 2007, il-Qorti ta' l-Appell kienet ikkonfermat is-sentenza fejn inghataw, fost affarjiet ohra, l-interdizzjoni perpetwa.

**(ii)** Gie ippruvat illi kien ir-rikorrent illi kien gibed l-attenzjoni tal-Kap Ezekuttiv tal-ADT ta' dak iz-zmien, Gianfranco Selvaggi, li kien ikun ahjar jekk it-tkecija tigi sospiza sakemm id-decizjoni dwar il-mahfra presidenzjali igi deciza b'mod finali, bir-rizultat illi l-impjegati kienu qed jithallsu nofs paga ghal hames xhur meta dawna suppost kienu gia tkeccew.

**(iii)** Gie ippruvat illi l-Kap Ezekuttiv tal-ADT, Gianfranco Selvaggi, kien kontra i l-impjegati jigu qatt ri-impjegati wara decizjoni tal-Qorti, u li l-istess Gianfranco Selvaggi ma kienx kompartecipi tad-decizjoni li ir-rikorrent iddefenixxa fil-Parlament bhala wahda "kollettiva"

**(iv)** Gie ippruvat illi, ghalkemm ir-rikorrent uza l-kliem "kollettivament" meta spjega s-sitwazzjoni l-ewwel darba, huwa biddel il-verzjoni tal-fatti fil-Parlament wara li fuq il-media kien hemm il-kummenti tal-Bord tal-ADT u ta' Selvaggi, u din id-darba stqarr li huwa kien ta' ordni sabiex l-ADT tieqaf milli tikkunsidra l-posizzjoni ta' l-impjegati sakemm id-decizjoni dwar il-mahfra presidenzali tigi deciza, u dana peress illi precendentement kien hemm kaz fejn persuna misjuba hatja inghata il-mahfra u regghet giet impjegata.

**(v)** Gie ippruvat illi Roderick Galea, wiehed miz-zewgt impjegati illi kienu instabu hatja ta' tixhim u li kellhom jitkeccew wara illi instabu hatja mill-Qorti fuq ammisjoni taghhom stess, kien jghin lir-rikorrent fil-kampanja elettorali tieghu, peress illi kien minn distrett illi fih kien jikkandada ruhhu ir-rikorrent u Galea kien jghid lir-rikorrent fil-'home visits' kif ukoll f'attivitajiet ohra li kien jigi organizzat ghall-kampanja elettorali tar-rikorrent.

**(iii)**"*the facts commented on constituted a matter of public interest*" - ma hemm assolutament ebda dubju illi l-fatti li dwarhom tkellem l-intimat u dwarhom ilmenta ir-rikorrent kienu ta' interess pubbliku - li impjegat li instab hati li xxahham baqa' ma tkecciex mill-post tax-xoghol tieghu fejn huwa, bhala ufficjal pubbliku, kkommetta tali reati, taht il-pretest li kien hemm talba ghal mahfra presidenzjali certament huwa ta' interess pubbliku, peress illi huwa car li kien qed isir tentattiv sabiex decizjoni ta' Qorti tigi b'xi mod, manomessa u korrotta, biex ma jkollhiex effett fil-konfront taz-zewgt impjegati misjuba hatja, bil-ghan illi dawna jithallew jahdmu fil-post tax-xoghol li l-Qorti kienet iddikjarat li ma kellhomx ikomplu jokkupaw aktar. Tali fatti huma certament fl-interess pubbliku, bhalma huwa fl-interess pubbliku li jkunu jafu min attwalment kien wara tali decizjoni biex tkeccija ma sehhx immedjatament.

**(iv)**"*the comment was objectively "fair"; that is the comment was one that was capable of being honestly founded on the facts to which it related, albeit by someone who was prejudiced and obstinate*;" - in vista tal-fatti kif fuq indikati, jidher car illi l-kummenti li ghamel l-intimat ma jistghux ma jitqiesux bhala oggettivament gusti peress illi huwa rizultat ta' konsiderazzjonijiet fattwali u korretti maghmulha mill-intimat u li abbazi taghhom wasal ghall-konkuzjonijet tieghu. Huwa car ukoll illi anke il-qarrejj jew semmiegh komuni seta jasal ghal tali konkluzjonijiet ukoll u, fil-probabilta' kbira l-intimat kien biss qieghed jirrifletti dak li attwalment ic-cittadin komuni kien gia qieghed jghid dwar il-kwistjoni li dwarha tkellem l-intimat.

Kif stqarret il-Qorti Ingliza fil-kawza ***Merivale v Carson* (1887) 20 QBD 275, 280-281: "***Mere exaggeration, or even gross exaggeration, would not make the comment unfair. However wrong the opinion expressed may be in point of truth, or however prejudiced the writer, it may still be within the prescribed limit. The question which the jury must consider is this – would any fair man, however prejudiced he may be, however exaggerated or obstinate his views, have said that which this criticism has said of the work which is criticised? If it goes beyond that, then you must find for the plaintiff; if you are not satisfied that it does, then it falls within the allowed limit, and there is no libel at all.*"

**(v)** "*the comment represented the defendant's honest opinion*." - Fil-kaz odjern, il-Qorti hija konvnita illi l-kumment illi ghamel l-intimat ma' kienx bbazat fuq malizzja da parte tieghu izda kienet l-opinjoni onesta tieghu dwar kif kien qieghed jifhem li graw l-affarjiet, liema opinjoni, huwa kelu kull dritt illi jaghmel, aktar u aktar in vista tal-fatt illi kien Deputat tal-Poplu elett sabiex jirrappresenta c-cittadin u l-interessi tieghu. Il-Qorti tinnota wkoll illi, kien id-dover ta' l-intimat, bhala Kap ta' l-Opposizzjoni, illi jsemmi d-disapprovazzjoni tieghu ghal dak li kien qieghed jinghad, liema espressjoni ta'

disapprovazzjoni hija parti mid-dibattitu politiku li huwa l-pern ta' socjeta demokratika u li, ghalhekk, ghandha tigi protetta u stimulata minn dina l-Qorti u mhux imxekkla fl-operat taghha.

Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmulha, il-Qorti thoss illi l-kliem li intuzaw mill-intimat waqt id-dibattitu politiku illi huwa kien qieghed jindirizza gewwa Hal Qormi fit 8 ta' Lulju 2007 huma 'value judgment' ta' l-intimat fuq kwistjoni serja hafna bhalma kienet il-kaz ta' tixhim ta' zewgt impjegati tal-ADT, li tieghu ir-rikorrent kien il-Ministru responsabbli, u dawna ghandhom jitqiesu bhala 'fair comment', u ghalhekk ma jistghux jitqiesu bhala libelluzi fil-konfront tar-rikorrent.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeiciedi billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet ta' l-intimat u tiddikjara illi l-kliem li ntqalu mill-intimat gewwa attivita' f'Hal-Qormi u rrappurtati minn stqarrija tal-Partit Laburista fit 8 ta' Lulju 2007 jikkonsistu f'espressjoni ta' opinjoni u apprezzament tal-fatti li ghandhom jigu kkunsidrati bhala 'fair comment' fuq materja ta' interess pubbliku, u ghalhekk

**Tichad** it-talbiet attrici kollha

In vista tad-dewmien inutili da parte ta' l-intimat biex jaghlaq il-provi tieghu, liema provi inghalqu biss fuq ordni tal-Qorti, kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------